RADJU MARIJA

102.3FM / 107.8FM



# RANDAN

2021

# GĦAX MA JSALVAX LILU NNIFSU!



Fr. Antoine Borg
Direttur ta' Radju Marija

Mattew jikteb: Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih! Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu!

Mark isemmi: Mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!

Nisimgħu lil Luqa: Il-kapijiet bdew jiddieħku b'Ġesù u jgħidu: "Salva lil oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur ta' Alla!" Is-suldati wkoll bdew jgħadduh biż-żmien; u resqu lejh, newlulu nbid qares u qalulu: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!" Fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid, 'Dan huwa s-sultan tal-Lhud.' Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajru u jgħidlu: "Int m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna.

Dan huwa l-kliem li l-Vanġeli juruna u li jġegħluna nifhmu l-mibgħeda li tiġi frott l-għira, tmaqdir li jiġi mill-kburija, kif ukoll tgħajjir li ġie mid-disperazzjoni ta' min kien imsallab bil-kundanna tal-mewt.

Din is-sena qegħdin f'sena ddedikata lil San Ġużepp li jgħallimna li l-fidi b'saħħitha ma taqax fid-disperazzjoni u lanqas mibgħeda u inqas u inqas għira. San Ġużepp għex l-ewwel tbatijiet tal-Mulej f'din l-art, fosthom it-theddida għal ħajja ta' Kristu meta kien għadu tarbija li ġabet magħha l-ħarba lejn l-Eġittu.

San Ġużepp ma qgħadx jgħid li jekk hu l-Iben ta' Alla kien imissu jsalva lilu innifsu, għaliex hu kien jaf li Alla tah missjoni x'jaqdi u din kellha miżgħuda wkoll b'ħafna tbatija. Inħallu lil dan il-qaddis jgħinna biex matul dan iż-żmien u din is-sena ngħixu t-tbatijiet tagħna magħqudin mas-Salib tal-Mulej. Ikunu San Ġużepp u l-Verġni Mqaddsa Marija ta' serħan meta niltaqgħu mas-slaleb tal-ħajja.

Jalla Radju Marija jkun ukoll ta' ħeġġa biex inkunu nistgħu ngħixu dan kollu b'imħabba, speċjalment fil-mumenti ta' prova li fihom nistinkaw biex ngħixu bħala Nsara ta' veru.

Tagħkom Ġesù, Marija u Ġużeppi.

Fr Antoine Borg

# DATI IMPORTANTI

| | |
|---|---|
| 17 ta' Frar | Ras ir-Randan |
| 19 ta' Marzu | San Ġużepp |
| 26 ta' Marzu | Id-Duluri |
| 28 ta' Marzu | Ħadd il-Palm u l-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa |
| 1 ta' April | Funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka |
| 2 ta' April | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| 4 ta' April | L-Għid il-Kbir |

## IS-SITT KELLIEMA TAL-EŻERĊIZZI SPIRITWALI!



**Mons Carmelo Refalo**

Il-kelma li l-aktar qed tintuża bħalissa hija l-kelma vaċċin, pandemija jew covid-19. L-aktar esperjenza li nixtiequ nagħmlu hija li niksbu mill-ġdid it-triq tal-fejqan.



**Dun Mark Mallia Pawley**

It-tfittxija għall-paċi tal-qalb, il-paċi interjuri, hija tfittxija kontinwa li titlob laqgħa personali ma' Ġesù.



**Patri Michael Camilleri OP**

Flimkien niskopru mill-ġdid xi għajnuniet li aħna għandna, u li nistgħu napprofittaw ruħna minnhom kuljum.



**Emanuel Catania SDC (MUSEUM)**

F'dawn l-eżerċiżżi spiritwali se niskopru aktar jien min jien! Rigal, destin etern, ġenna!



**Patri Andrew Galea OFM Conv**

"Il-verità teħliskom" jgħid Ġesù. Kien il-Mulej li għax uriena l-verità ħelisna b'passjoni ta' tbatija u mħabba. F'dawn il-jiem qed jistiednek għal proċess ta' ħelsien.



**Djaknu Roderick Baldacchino**

Dan ir-Randan is-sejħa għalina hija li nidħlu fid-deżert tal-qalb tagħna, fejn hemm nfittxu li niltaqgħu mal-Mulej.

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI

**22 ta' Frar sat-2 ta' April - 6 kelliema differenti għall-Eżerċizzi Spiritwali**

## 22 - 26 ta' Frar

@ 10.30am Dun Mark Mallia Pawley
@ 5.30pm Patri Andrew Galea OFM Conv
@ 10.30pm Mons Carmelo Refalo

## 1 - 5 ta' Marzu

@ 10.30am Mons Carmelo Refalo
@ 5.30pm Dun Mark Mallia Pawley
@ 10.30pm Patri Andrew Galea OFM Conv

## 8 - 12 ta' Marzu

@ 10.30am Patri Andrew Galea OFM Conv
@ 5.30pm Mons Carmelo Refalo
@ 10.30pm Dun Mark Mallia Pawley

## 15 - 19 ta' Marzu

@ 10.30am Djaknu Roderick Baldacchino
@ 5.30pm Patri Michael Camilleri OP
@ 10.30pm Emmanuel Catania SDC (M.U.S.E.U.M)

## 22 - 26 ta' Marzu

@ 10.30am Emmanuel Catania SDC (M.U.S.E.U.M)
@ 5.30pm Djaknu Roderick Baldacchin
@ 10.30pm Patri Michael Camilleri OP

## 29 ta' Marzu - 2 ta' April

@ 10.30am Patri Michael Camilleri OP
@ 5.30pm Emmanuel Catania SDC (M.U.S.E.U.M)
@ 10.30pm Djaknu Roderick Baldacchino

# XANDIRIET DIRETTI

**Il-Ħadd 28 ta' Marzu fl-10.00am**
Ħadd il-Palm minn Ta' Pinu Għawdex

**Il-Ħamis 1 ta' April fis-6.30pm**
Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka minn Ta' Pinu Għawdex

**Il-Ġimgħa 2 ta' April fit-3.00pm**
Funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn Ta' Pinu Għawdex

**Is-Sibt 3 ta' April fid-9.00am**
Is-Siegħa tal-Omm minn Ta' Pinu Għawdex

**Is-Sibt 3 ta' April fit-8.00pm**
Quddiesa tal-Vġili tal-Għid Imqaddes minn Ta' Pinu Għawdex

**Il-Ħadd 4 ta' April fl-10.00am**
Quddiesa ta' Ħadd il-Għid minn ta' Pinu Għawdex

**Matul il-jiem tar-Randan**
Tingħad il-Via Sagra kuljum fis-6.00pm minflok ir-Rużarju Mqaddes

**Ġesu Kristu Qawmien u Ħajja**
Meditazzjoni għal żmien ir-Randan mit-Tnejn sas-Sibt fid-9.20am




RADJU MARIJA
102.3FM / 107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat
Indirizz postali: Radju Marija,
PO Box 19, Rabat RBT 1230

Tel: 2145 3105
www.radjumarija.org
info.mal@radiomaria.org
Radju Marija Malta